5 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Avukat Dr. Paul Mallia ne. *versus* Gerald Vella et.**

## Konkorrenza Sleali — Imitazzjoni ta' Trade Mark — Penali — Art. 36 tal-Kodiċi tal-Kummerċ

*Kummerċjant li fil-kummerċ tiegħu jagħmel użu ta' markju jew sinjal distintiv li jista' jġib taħwid ma' markju jew distintiv ġa użat b'jedd minn kummerċjant ieħor, ikun qiegħed jagħmel, għad-dannu ta' dak il-kummerċjant l-ieħor, waħda mill-forom ta' konkorrenza illeċita vjetati mill-liġi.*

*Is-somma tal-penali kontra l-ħati ta' konkorrenza illeċita hija mill-liġi mħollija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant; imma l-ġudikant għandu jis-*

*tabbilixxi l-ammont tal-penali skond iċ-ċirkustanzi, u avut rigward għall-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, u l-mala fede tal-kontravventur; u dan f'ammont ta' mhux anqas minn £10 u mhux iżjed minn £500.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' ċitazzjoni, li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-ditta "Natalie" ilha żmien twil tinnegozja f'pupi mlibbsin bil-kostumi tradizzjonali maltin, "imitation jewellery", xalpi, "souvenirs" ta' Malta, u oġġetti simili, taħt l-isem "Natalie" li jinsab inkorporat f'tikketti tal-għamla oriġinali kif jidher mill-eżemplari eżibit (dok. A); u illi mit-13 ta' Jannar 1955 id-ditta attriċi hi l-unika proprjetarja tat-Trade Mark "Natalie", debitament reġistrat fl-uffiċċju tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, kif jidher mill-estratt anness mac-ċitazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern no. 10574 tal-4 ta' Frar 1955 (dok. B), u mill-Gazzetta tal-Gvern (edizzjoni kummerċjali) tat-23 ta' Marzu 1956; u illi reċentement id-ditta konvenuta u l-konvenuti bdew jużaw għall-finijiet tan-negozju tagħhom id-deżinjazzjoni "Vellatie" fuq tikketti tal-istess għamla, daqs u sura, bħal dawk preċedentement użati mid-ditta attriċi (dok. C), u dan fuq l-istess ġeneru ta' oġġetti li għalihom tirriferixxi t-Trade Mark tad-ditta attriċi; u li bl-użu tal-isem, marka u distintiv "Vellatie", id-ditta konvenuta u l-konvenuti qegħedin jikkaġunaw taħwid mal-isem, marka u distintiv leġittimament użati mid-ditta attriċi, kif ingħad fuq, bi preġudizzju evidenti għan-negozju tad-ditta attriċi, u jistgħu jġibu taħwid iżjed il-quddiem;

Talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-aġir tal-konvenuti proprio et nomine jikkostitwixxi konkorrenza sleali skond il-liġi man-negozju tad-ditta attriċi u vjolazzjoni tal-jeddijiet esklużivi tad-ditta attriċi naxxenti mir-reġistrazzjoni skond il-liġi tat-Trade Mark "Natalie"u mill-użu tal-istess marka; (2) il-konvenuti proprio et nomine jiġu kundannati min din il-Qorti li jieqfu minnufiħ milli jagħmlu użu fil-kummerċ tagħhom tal-isem, marka u distintiv "Vellatie"; (3) il-konvenuti proprio et nomine jiġu kundannati jikkon-

senjaw lill-attur nomine jew lil persuna oħra li tiddestina l-Qorti, fi żmien qasir u perentorju, it-tikketti, moduli, u kwalunkwe materjal ieħor, stampat jew xort'oħra, li jġib il-marka "Vellatie" fuq deskritta, u dan biex ikunu distrutti skond il-liġi; salv li l-Qorti tagħti kull provvediment ieħor li jista' fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineħħi l-att frawdolent tal-konvenuti proprio et nomine li bih saret il-konkorrenza sleali; (4) u l-konvenuti proprio et nomine, minħabba fl-użu li għamlu u qegħedin jagħmlu illeġittimament tal-marka u distintiv "Vellatie", jiġu kundannati jħallsu lill-attur nomine, bħala penali, dik is-somma li tiġi fissata mill-Qorti, f'ammont ta' mhux anqas minn £10 u mhux aktar minn £500. Bl-ispejjeż;
għal sekwestru;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda tal-attriċi, u mid-dokumenti minnha prodotti, jirriżulta illi hija l-unika proprjetarja tad-ditta "Natalie", u li ilha tinnegozja f'pupi mlibbsin bil-kostumi tradizzjonali maltin, li l-istess ditta tipproduċi, mis-sena 1952, u li minn Mejju 1954 ilha tinnegozja fl-istess pupi taħt l-isem "Natalie" riprodott f'tikketti ta' għamla oriġinali bħal dik il-waħda li qegħedha taħt l-ittra "A" fid-dokument fil-fol. 6 tal-proċess; liema markju ġie reġistrat fl-uffiċċju tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali fis-sena 1955;

Illi mid-depożizzjoni tal-konvenut Antonio Vella jirriżulta illi minn ċirka sitt xhur l-hawn id-ditta konvenuta bdiet tuża tikketti bl-isem "Vellatie" bħal dik li qegħedha taħt l-ittra "C" fl-imsemmi dokument fil-fol. 6 tal-proċess, fuq pupi mlibbsin bil-kostumi tradizzjonali maltin, li hija timporta biex tirrivendi. It-tikketta tad-ditta konvenuta hija tad-daqs, ta' għamla u l-istess disinn tad-ditta attriċi; id-differenza qegħedha fil-kulur, billi, fil-waqt li dik tad-ditta attriċi hija ħamra, dik tad-ditta konvenuta hija safra;

fil-kelma miktuba travers id-disinn, billi dik tad-ditta konvenuta hija "Veḷḷatie", iżda miktuba b'tipi li jirrassomiljaw dawk tal-kelma "Natalie" tad-ditta attriċi; u fil-fatt li l-kelma "Malta", miktuba b'tipi żgħar, qegħedha taħt ir-riga t'isfel tad-disinn fit-tikketta tad-ditta konvenuta, fil-waqt li f'dik tad-ditta attriċi qegħdha l-fuq minn dik il-linea;

Illi minn dak li ġie rilevat jirriżulta suffiċjentement illi l-marka li d-ditta konvenuta qegħedha tuża fin-negozju tal-pupi fuq riferiti tista' ġġib taħwid mal-marka li kienet u għadha tuża d-ditta attriċi; u dan mbgħad jirriżulta mingħajr l-ebda ombra ta' dubju mill-konfront tal-imsemmijin tikketti li jġibu dik il-marka, li qegħedin taħt l-ittri "A" u "C" fl-imsemmi dokument fil-fol. 6 tal-proċess; dik tad-ditta attriċi taħt l-ittra "A", u dik tad-ditta konvenuta taħt l-ittra "C";

Illi għalhekk id-ditta konvenuta qegħedha fil-kummerċ tagħha tagħmel użu ta' marka jew sinjal distintiv li tista' ġġib taħwid mal-marka jew sinjal distintiv ġà użat b'jedd mid-ditta attriċi; u kwindi qegħedha tagħmel, għad-dannu tal-istess ditta attriċi, dik il-forma ta' konkorrenza illeċita kontemplata fl-art. 36 tal-Kodiċi Kummerċjali; u għalhekk id-domandi attriċi għandhom jiġu milqugħa;

Riferibilment għall-penali, is-somma tagħha hija mill-liġi mħollija għad-diskrezzjoni tal-ġudikant, li iżda għandu jistabbiliha skond iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, f'mhux iżjed minn £500; u l-liġi ssemmi x'uħud minn dawn iċ-ċirkustanzi — il-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, u l-mala fede tal-kontravventur;

Jirriżulta assodat li d-ditta konvenuta użat l-imsemmija marka għal ċirka erbgħa xhur (dep. ta' Carmelina Portelli u data tal-preżentazzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni); li ma ġietx, qabel il-kawża, b'xi mod imsejħa biex ma tkomplix tagħmel użu mill-imsemmija tikketta; u li, meta ġiet notifikata bl-att taċ-ċitazzjoni, mill-ewwel, per mezz tal-

konsulent legali tagħha, iddikjarat ruħha lesta biex ma tkomplix tuża dawk it-tikketti, u li kienet pronta biex tillikwida bonarjament id-danni; u li d-difensur tal-attriċi wieġeb illi din ma kienetx kwistjoni ta' flus; u ukoll illi d-ditta konvenuta, minn dak inhar li ġiet notifikata bl-att taċ-ċitazzjoni, ma baqgħetx aktar tbiegħ pupi bħal dawk li fuq issemmew bit-tikketta in kwistjoni. Iżda jirriżulta wkoll illi d-ditta konvenuta kienet taf li kien hemm fil-kummerċ pupi li kienu qegħedin jinbiegħu taħt il-marka tad-ditta attriċi, bit-tikketta l-ħamra; u għal kemm il-konvenut Anthony Vella xehed illi ma kellu ebda idea li t-tikketta tad-ditta konvenuta tkun b'xi mod tixbaħ lill-marka tad-ditta attriċi, iżda l-identità tad-disinn, id-daqs u l-għamla tat-tikketta, u l-aġġunta tad-deżinjazzjoni "tie", tagħti ħafna lil wieħed x'jitħasseb;

Kunsidrati l-imsemmijin ċirkustanzi, il-Qorti jidhrilha li tkun adegwata l-infraskritta penali;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet; u għall-finijiet tat-tielet talba tipprefiġġi lill-konvenuti proprio et nomine tliet ġimgħat żmien mil-lum biex jikkonsenjaw lill-attriċi, biex jiġi meqrud, dak kollu li sar kontra l-projbizzjoni tal-liġi fuq riferita, u li jinstab fil-poter tal-konvenuti; u tikkundanna lill-istess konvenuti proprio et nomine jħallsu lill-attriċi, b'titolu ta' penali, is-somma ta' £18; flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.